MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 596/2004

**Joseph u Anna konjugi Debattista**

**Vs**

**Bridget Pace**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' Lm198.15c (mija u tmienja u disghin lira Maltin u hmistax-il centezmu) rapprezentanti danni subiti minnhom minhabba skular ta' ilma mill-fond Sunrise Flats, numru 3, Triq it-Tunnagg, Mellieha.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Joseph Debattista li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' Lm198.15c (mija u tmienja u disghin lira Maltin u hmistax-il centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------